**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 331/12**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Elle Bonello**
**(ID 566775M)**

**Illum 29 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata **Elle** (ġia Anthony) **Bonello**, bint Francis u Maria Yvonne nee` Azzopardi, imwielda l-Pieta` fid-29 ta' Diċembru 1975 u residenti Flat 1, Tulip Apartments, Triq Ċensu Farrugia, Msida, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 566775(M);

Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju 2009 u matul l-aħħar xhur qabel din id-data:

Kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputata tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Marzu 2012 ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju 2012;

Rat illi Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2016, id-difiża eċċepiet il-preskrizzjoni u dan stante "*illi l-ewwel riferta tan-notifika tal-imputat esebita fl-atti tidher li ġiet imqassma fil-15 ta' April 2014 fl-indirizz ġewwa l-Fgura, meta l-imputat kien jaħdem barra minn Malta u għalhekk ma kienx Malta dak iż-żmien. Id-difiża tirrileva wkoll illi omm l-imputat ġiet nieqsa sena ilu*".[1]

Illi l-Qorti sejra għalhekk tikkunsidra din l-eċċezzjoni sollevata mid-difiża b'kawża tal-allegat nuqqas ta' notifika lill-imputata fi żmien preskritt mil-liġi mit-twettiq tar-reat li bih tinsab akkużata ossia ż-żmien tal-preskrizzjoni fil-każ tar-reat odjern.

Skont l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat ta' pussess tar-raża tal-*cannabis* ikkontemplat fl-Artikolu 8(a) tal-istess Kap. 101 huwa punit b'terminu ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien. Għaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni kriminali f'dan il-każ taqa' bl-għeluq ta' ħames snin.

---

[1] Ara a fol. 20 tal-proċess.

Illi mill-atti jirriżulta illi r-reat li l-imputata qegħda tiġi akkużata bih jirrisali għal-lejl ta' bejn it-28 u d-29 ta' Ġunju tas-sena **2009** u fix-xhur ta' qabel din id-data.

Illi jirriżulta wkoll illi wara li l-Prosekuzzjoni intavolat iċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Lulju 2012, il-kawża ġiet appuntata sabiex tinstema' fl-4 ta' Marzu 2013, iżda l-imputata ma dehritx u l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex riferta tan-notifika tagħha[2]. L-istess ġara fis-seduti tat-23 ta' April 2013 u tas-6 ta' Mejju 2013 u għalkemm il-Qorti ordnat lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex jesebixxi r-riferti relattivi fil-mori tad-differiment jew sas-seduta ta' wara, dan baqa' ma seħħx. Fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2013, l-imputata ma dehritx u l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li ma kinitx notifikata u fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2013, meta l-imputata reġgħet ma dehritx, iddikjara illi ma kellux riferta tan-notifika tagħha. Dakinhar deher Dr. Kris Busietta li nforma lill-Qorti illi l-imputata taħdem barra minn Malta u illi fil-fatt dakinhar kienet tinsab barra minn Malta. Is-seduta tal-4 ta' Marzu 2014 ma setgħetx issir għaliex il-Qorti ma kellhiex awla għad-disposizzjoni tagħha u fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, l-imputata baqgħet ma dehritx u l-Ispettur Pierre Grech ippreżenta riferta tan-notifika tagħha. Wara dakinhar, fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2014, l-imputata ma dehritx u l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara illi kien sprovvist mir-riferta tan-notifika. Eventwalment l-ewwel darba li dehret l-imputata quddiem din il-Qorti kien fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2016, u għalhekk iżjed minn sitt snin wara ż-żmien tal-każ odjern, fejn id-difiża eċċepiet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif ingħad iżjed 'il fuq.

Irid jingħad ukoll illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2016, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex riferti posittivi tal-imputata qabel dik esebita fl-atti ossia dik esebita fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014.[3]

Illi jirriżulta wkoll illi fuq iċ-ċitazzjoni odjerna, l-indirizz tal-imputata ġie indikat bħala *"Flat 1, Tulip Apartments, Triq Ċensu Farrugia, Msida"*.

Mir-riferta esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, jirriżulta illi fil-"15-4-14" fit-"8AM", f'post identifikat bħala "*FPI*" fil-qosor għal fil-post indikat, u ċioe` fil-fond '83, Jane, Triq San Mikiel, Fgura', kuntistabbli li l-identita` tiegħu ma tistax tiġi stabbilita mill-istess riferta in kwantu ffirma l-istess mingħajr ma niżżel *"numru, isem u kunjom ... "* iddikjara illi huwa nnotifika lill-"*ommu*". Fl-

---

[2] Dak iż-żmien il-verbali tal-kawża kienu jirreferu għall-imputat Anthony Bonella u dan sakemm saret il-korrezzjoni appożita bid-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Novembru 2017 sabiex l-isem jinbidel għal Elle Bonello (ara a fol. 54 tal-proċess).
[3] Ara a fol. 14 tal-proċess.

istess riferta, id-data tal-kawża quddiem il-Maġistrat sedenti ġiet indikata bħala d-19 ta' Mejju 2014.

Ai termini tal-Artikolu 362(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha tingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi mħarrka, u jekk din il-persuna ma tkunx tista' tinsab faċilment, iċ-ċitazzjoni għandha titħalla fid-dar fejn hija soltu tkun toqgħod. Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-uffiċjal esekutur għandu jagħmel rapport ta' dan lill-qorti."

Il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi r-riferta tħalliet f'indirizz illi huwa għal kollox differenti minn dak illi huwa indikat fiċ-ċitazzjoni odjerna bħala l-indirizz tar-residenza tal-imputata. Ma jirriżultax ippruvat illi l-indirizz ġewwa l-Fgura, fejn tħalliet ir-riferta, kien l-indirizz tar-residenza fejn solitament kienet toqgħod l-imputata. Fil-fehma tal-Qorti la darba jinkombi fuq il-Pulizija Eżekuttiva li tħarrek validament, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-prova li r-residenza in kwistjoni kienet proprju r-residenza fejn kienet solitament toqgħod l-imputata u dan b'mod partikolari, meta l-istess Prosekuzzjoni indikat residenza oħra fiċ-ċitazzjoni odjerna.

In oltre u fi kwalunkwe każ, minkejja illi l-uffiċjal inkarigat bin-notifika kien mistenni jindika x-xorta ta' att ġudizzjarju li bih allegatament huwa nnotifika lill-imputata, u dan senjatament billi jindika l-istess att ġudizzjarju kienx *"Ċitazzjoni"*, *"Affidavit"*, *"Avviż ta' dehra"*, jew *"Notifika ta' dehra"*, l-istess uffiċjal naqas milli jagħmel dan. Għalhekk mill-istess riferta ma jirriżultax illi tħalliet iċ-ċitazzjoni odjerna fir-residenza in kwistjoni mill-istess uffiċjal u għalhekk dan ukoll kuntrarjament għal dak li jiddisponi l-Artikolu 362(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, meta allura la jista' jingħad illi n-notifika kienet waħda valida u lanqas jista' jingħad illi fit-terminu ta' ħames snin li trid il-liġi sabiex l-azzjoni tiġi preskritta, l-imputata ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni odjerna jew anke bi kwalsiasi att ieħor tal-proċediment, il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni sollevata mid-difiża, fis-sens illi fiż-żmien in kwistjoni l-imputata kienet tinsab barra minn Malta. La darba l-Qorti tqis illi r-riferta esebita a fol. 14 ma tikkostitwix prova tan-notifika taċ-ċitazzjoni odjerna jew ta' kull att ieħor tal-proċeduri lill-imputata nhar il-15 ta' April 2014, tqis ukoll illi l-azzjoni hija preskritta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-L.S. 101.02, kif ukoll l-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara l-azzjoni fil-konfront tal-**imputata Elle Bonello** bħala preskritta u qegħda tilliberaha minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat